MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Numru 746/2006

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
RITIANNE MULA
ISABELLA MIZZI
JOHANNA SALIBA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ritianne Mula, ta’ 23 sena, bint Patrick u Maria nee’ Gauci, imwielda Pieta’ fl-10 ta’ Settembru 1982, u li toqghod fi Block B5, Flat 8, Triq il-Frejgatina, Qawra, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 508882(M); Isabella Mizzi nee’ Tanti, ta’ 23 sena, mart Daren, bint Anthony u Margaret nee’ Mallia, imwielda Pieta’ fid-29 ta’ Mejju 1983, u residenti f’Pelaja Zito, Triq il-Belt Valletta, Qormi, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 289683(M); kif ukoll Johanna Saliba, ta’ 21 sena, bint Joseph u Rita nee’ Sghendo, imwielda Pieta’ fis-27 ta’ Lulju 1985, u residenti

Numru 2B, Triq Medjez, Pembroke, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 399085(M), u akkuzati talli fis-27 ta' Lulju 2006 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma flus Maltin, meta kienu jafu li huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artiklu 45 tal-Kap 204 u l-Artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artiklu 46 tal-Kap 204 u l-Artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) u aktar talli, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, b'mezzi ohra kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' anqas minn mitt Lira Maltin (Lm100) ghad-dannu ta' Leisure and Theme Park Ltd, Kenneth W.Vella, Patrick Vella, u persuni ohra u kumpaniji ohra, u dan bi ksur tal-Artikli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom, u dan bi ksur tal-Artikli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz tal-htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikli 49A(3) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata Ritianne Mula.

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni mill-imputata Ritianne Mula, wara li l-Qorti akkordat zmien ragjonevoli sabiex l-imputata Mula tirripensa ruhha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, din il-Qorti ssib lill-imputata Ritianne Mula hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 18, 308, 309, 310, 334 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikli 45 u 46 tal-Kap 204, tikkundannaha ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija; il-fedina penali netta tal-imputata; l-eta’ giovvannili taghha u l-fatt li l-imputata tinstab fl-ahhar stadju ta’ gravidanza u ghandha wild iehor.

In oltre, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni, ai termini tal-Artiklu 49A(3) tal-Kap 204, stante li ghadhom vigenti l-proceduri kontra Isabella Mizzi u Johanna Saliba.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------